# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta’ nhar il-Ġimgħa 27 ta’ Marzu 2020**

**Numru 1**

**Rikors numru 40/16SM**

**Alfred Baldacchino, Regency Estates Limited u Westminister Securities Limited (C-2830)**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali u d-Direttur tal-Qorti Ċivili u Tribunali u b’digriet datat it-8 ta’ Marzu, 2017, ġie kjamat in kawża d-Direttur tal-Artijiet u b’digriet datat is-7 ta’ Novembru 2017 sostitwit bl-Awtorita` tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-attur u tas-soċjetajiet attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali fis-26 ta’ April 2019 li biha ma sabet l-ebda ksur tad-dritt fundamentali għas-smigħ xieraq protett kemm bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-

Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni Ewropea") kif ukoll bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") bil-mod ta' kif ir-reġistratur tal-qorti ddeċieda li jintaxxa l-kawtela li kellha titħallas minnhom bħala garanzija għall-ispejjeż tal-appell tagħhom matul l-andament tal-proċeduri ċivili fl-ismijiet **Id-Direttur tal-Artijiet v. Alfred Baldacchino et** (Rik. Nru. 869/2007).

*2.* Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> "16.1. Illi r-rikorrenti odjerni kienu parti fil-proċedura fl-ismijiet Id-Direttur tal-Artijiet vs Alfred Baldacchino et, Rikors Ġuramentat Numru 869/2007, deċiża in prim'istanza fit-30 ta' Novembru, 2011, (ara fol. 58), liema proċess hu wkoll allegat mal-atti odjerni;
>
> "16.2. Illi essenzjalment il-proċedura indikata fil-paragrafu preċedenti kienet tirrigwarda talba għall-kundanna għall-ħlas ta' danni riżultat ta' aġir abbużiv daparti tal-intimati – ir-rikorrenti odjerni;
>
> "16.3. Illi essenzjalment l-imsemmija proċedura ġiet:
>
> > "16.3.1. Deċiża favur id-Direttur hemm rikorrenti;
> >
> > "16.3.2. Illi s-soċjetajiet intimati hemm indikati kienu kkundannati jħallsu danni fl-ammont ta' €438,090.00;
>
> "16.4. Illi l-intimati hemm indikati appellaw dik is-sentenza u d-Direttur hemm rikorrenti wkoll ippreżenta appell inċidentali;
>
> "16.5. Illi ai termini tal-artiklu 249 tal-Kap 12 id-Direttur intimat fil-proċedura odjerna [*i.e.* id-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali] stabbilixxa l-kawtela dovuta biex ikun jista' jinstema l-appell *de quo*;
>
> "16.6. Illi fil-proċedura tal-appell fuq riferita l-appellanti hawn rikorrenti issottomettew li ma kellhomx l-ammont mitlub għall-kawtela u talbu biex jiġu ammessi għall-garanzija bil-ġurament, (ara fol. 25 tal-proċess in appell anness mal-proċedura odjerna);
>
> "16.7. Illi l-appellanti de quo baqgħu ma ħallsux il-kawtela rikjesta;
>
> "16.8. Illi minn riċerka kondotta mid-Direttur tal-Artijiet irriżulta li Alfred Baldacchino u s-soċjetajiet ko-appellanti miegħu kellhom biżżejjed

mezzi biex jeffettwaw il-kawtela mitluba (ara fol. 28 tal-proċess tal-appell);

"16.9. Illi in vista tal-istess il-Qorti tal-Appell iddikjarat l-appell tal-istess Baldacchino u tas-soċjetajiet hemm miegħu indikati desert (ara fol. 28 tal-proċess tal-appell), u ddifferiet l-appell inċidentali sottomess mid-Direttur de quo għas-sentenza (ara fol. 28 tal-proċess tal-appell);

"16.10. Illi d-Deputat Reġistratur fil-Qorti tal-Appell xehdet dwar kif tiġi komputata l-kawtela u spjegat li (ara fol. 32):

"16.10.1. Din tinħadem fuq it-taxxa maħruġa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

"16.10.2. Tinħadem ukoll fuq l-ammont li jkun kristallizzat fl-istess kawża in prim'istanza;

"16.10.3. Illi fil-każ in eżami kien hemm kundanna għall-ħlas ta' €438,090;

"16.10.4. Illi fuq l-ammont li jkun jidher fuq it-taxxa jiżdied terz (1/3), tal-appell, għall-kawtela;

"16.10.5. Illi dan hu xogħol mekkaniku li jiddependi fuq l-ammont ġia' eżistenti fit-taxxa maħruġa;".

3. L-attur u s-soċjetajiet attriċi fetħu dawn il-proċeduri sabiex jilmentaw dwar "il-prattika dwar kif tiġi maħduma l-garanzija għall-ispejjeż tal-appell, ossia il-kawtela"[1]. Skont huma sofrew ksur tad-dritt fondamentali tagħhom għal aċċess effettiv għall-qorti meta r-reġistratur tal-Qorti wasal għal somma bħala garanzija għall-ispejjeż tal-appell skont l-ammont ta' danni likwidat mill-ewwel Qorti, anke meta l-ammont ta' danni hekk likwidat mill-ewwel Qorti kien qed jiġi kkontestat. Huma għalhekk fetħu l-proċeduri odjerni fejn talbu lil din il-qorti sabiex:

"1) Tiddikjara li l-mezz ta' intaxxar ai finijiet tal-kawtela, skont it-Tariffa A u E tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta waslu sabiex ġie vjolat id-dritt tar-rikorrenti għal aċċess effettiv għal-Qrati a tenur tal-artikolu 39 tal-

[1] Ara fol 54 tal-proċess.

Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet u Libertajiet tal-Bniedem kif ukoll l-artikolu 6 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

"2) Tiddikjara li l-mezz ta' intaxxar fiċ-ċirkostanzi tal-kawża hawn fuq surreferita waslet sabiex l-appell tar-rikorrenti ġie dikjarat desert minħabba in-nuqqas ta' depożitu u ħlas tal-kawtela b'mod lir-rikorrenti ġew deprivati mir-rimedju tagħhom tal-appell li kien deċisiv u fatali fl-eżitu tal-proċeduri hawn fuq surreferiti u dan bi vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrenti għal aċċess effettiv għal-Qrati a tenur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-artikolu 6 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

"3) Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-dritt fundamentali tar-rikorrent hekk kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet u Libertajiet tal-Bniedem kif ukoll l-artikolu 6 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta inkluż li tħassar tirrevoka u tikkanċella s-sentenza fl-ismijiet "Direttur Tal-Artijiet Vs Baldacchino Alfred Et" mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) nhar il-11 ta' Marzu 2016, kif ukoll tħassar tirrevoka u tikkanċella d-digriet mogħti mill-istess Qorti fl-istess proċeduri nhar it-12 ta' Jannar 2016 u konsegwentement tordna li jinstema l-appell tar-rikorrenti, wara li tordna li l-kawtela tinħareġ fuq taxxa maħduma skont ir-rikors ġuramentat fil-kawża hawn fuq surreferita.

"4) Tiffissa kumpens dovut lill-esponenti minħabba dan il-ksur ta' drittijiet tagħhom hawn fuq indikati,

"5) Tordna l-ħlas tal-kumpens hekk likwidat.

"Bl-ispejjeż".

4. Id-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

"... … …

"3. Illi fil-meritu jingħad illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt inkwantu fir-rigward tal-lanjanza tiegħu rigward il-metodu ta' intaxxar tal-kawtela bil-qima jingħad illi una volta l-ammont ġie likwidat fis-sentenza tal-Prim'Istanza, il-kawtela trid neċessarjament tinħadem fuq l-ammont hekk likwidat fis-sentenza.

"4. Illi di piu jingħad ukoll illi una volta r-rikorrenti għażlu l-proċedura tal-cautio iuratoria, dan fih innifsu jekwivali għall-aċċettazzjoni tal-istess kawtela iżda talbu lill-Qorti sabiex teżentahom milli jħallsu l-istess.

"5. Illi kwantu għal-lanjanza tar-rikorrenti li l-istess kawtela allegatament ċaħħdithom mill-aċċess għall-Qorti jiġi ribadit illi din il-lanjanza hija infondata fil-fatt u fid-dritt u li l-esponenti mhux il-leġittimu kontradittur

inkwantu l-esponenti kulma għamel huwa li jaħdem il-kawtela skont dak li tipprovdi il-Liġi ai termini tal-Artikolu 249 (Kap.12) u in linea mal-ammont likwidat fis-sentenza tal-Prim'Istanza. Għalhekk inkwantu l-lanjanza tar-rikorrenti hija diretta kontra l-Liġi li tistabilixxi l-kawtela l-esponenti ma jweġibx għall-istess. Minn naħa l-oħra jekk il-lanjanza tar-rikorrenti hija fuq iċ-ċaħda tal-cautio iuratoria, din ukoll ma jweġibx għaliha l-eċċipjenti.

"... … …

"8. Illi fil-meritu l-esponenti jirrileva li ma kien hemm assolutament ebda ksur tad-drittijiet fundamentali kif allegat mir-rikorrenti.

"9. Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

"Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad in toto t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti".

5. L-Avukat Ġenerali ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

"... … …

"4. Illi fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fil-fatt u fid-dritt peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

"4a. Illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kienet ħelset lir-rikorrenti Alfred Baldacchino mill-osservanza tal-ġudizzju u llikwidat l-ammont dovut minn Westminster Securities Limitedu minn Regency Estates Limited fl-ammont ta' €438,090 u dan in vista tal-ksur min-naħa tal-kumpanniji rikorrenti ta' diversi kundizzjonijiet taċ-ċens, kif ukoll minħabba li baqgħu fl-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni anki wara li skadiet il-konċessjoni enfitewtika temporanja.

"4b. Iż-żewġ kumpanniji appellaw minn din id-deċiżjoni, u l-Kummissarju tal-Artijiet ressaq appell inċidentali fejn qajjem l-aggravju li Alfred Baldacchino għandu jinżamm responsabbli b'mod personali għall-ħlas tad-danni likwidati;

"4ċ. Illi f'dan il-waqt sar rikors da parti tar-rikorrenti fejn ġie sottomess li ma kellhomx l-ammont mitlub mill-Qorti bħala kawtela. Sabiex jirribatti din is-sottomissjoni, il-Kummissarju tal-Artijiet għamel riċerka fir-Reġistru Pubbliku dwar l-assi ta' Alfred Baldacchino, u minn dawn ir-riċerki ħarġet il-verita', li kienet tmur pależement lil hinn minn dak li r-rikorrent Baldacchino kien qed isostni quddiem il-Qorti tal-Appell sede Superjuri. Incredibile dictu li r-riċerki wrew fid-deher li Alfred Baldacchino pprova jqarraq bil-Qorti tal-Appell Sede Superjuri għaliex fil-fatt huwa għandu bosta proprjetajiet (fosthom villa f'Marsaxlokk

b'territorju estensiv) u sopra corna bastonate, madwar sitt snin ilu kien irċieva kumpens mingħand il-Gvern fl-ammont ta' aktar minn €600,000 liema somma kienet tirrigwarda ħlas għal danni allegatament sofferti minnu wara li nbniet il-power station f'Delimara;

"4d. Illi ġustament, meta xtarret dawn ir-riċerki u din l-informazzjoni, flimkien ma' dak li kien qed jipprova jirrileva r-rikorrenti, l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-Sede Superjuri tagħha ddikjarat l-appell tar-rikorrenti deżert minħabba li rriżulta ċar li hu kellu biżżejjed mezzi u assi minn fejn seta' jħallas il-kawtela li kienet tammonta għal €17,367, li meta mqabbla mal-ammont ta' €600,000 li rċieva mingħand il-Gvern, titlef ħafna mill-enormita' li r-rikorrenti qed jippruvaw ixiddulha fit-tieni paġna tar-rikors tagħhom;

"4e. Illi huwa evidenti li r-rikorrenti qed jippruvaw jinqdew b'mod skorrett b'din l-Onorabbli Qorti sabiex jippruvaw itawlu ż-żmien jew saħansitra jevitaw għal kollox li jħallsu l-ammont dovut minnhom fuq il-pretest li l-mod tal-intaxxar ai finijiet ta' kawtela huwa żbaljat u wassal għaċ-ċaħda tagħhom għall-aċċess tal-Qorti;

"4f. Illi kienu r-rikorrenti stess li ġabu l-ġebla fuq saqajhom meta sostnew li m'għandhomx flus biżżejjed sabiex iħallsu l-kawtela. Li kieku ħallsuha, kif jagħmel ħaddieħor, jew wrew b'mod ċar lill-Qorti li ma kellhomx minn fejn iħallsu, kienu jkunu f'posizzjoni li jmexxu bl-appell tagħhom. Għalhekk kien il-qerq tagħhom stess li wassal lill-Qorti tal-Appell sabiex tiddikjara l-appell tagħhom bħala deżert;

"4g. Fid-dawl tal-prinċipju volenti non fit injuria, kienu r-rikorrenti stess li ġabu lilhom innifishom f'din is-sitwazzjoni u l-attakk tagħhom fuq il-mod tal-intaxxar ai finijiet ta' kawtela, fl-umli opinjoni tal-esponent, ixaqleb lejn il-fieragħ;

"4h. Illi minkejja li r-rikorrenti qed isostnu li l-mod kif tinħadem il-kawtela huwa żbaljat, ma wrewx b'liema mod dan huwa erronju, jew kif fil-fatt din il-kawtela għandha tinħadem;

"4i. In fine, ir-rikorrenti ma jistgħux jużaw dawn il-proċeduri u din l-Onorabbli Qorti bħallikieku kienet Qorti tat-Tielet Istanza biex minflok jgħaddu mill-bieb jittantaw jgħaddu mit-tieqa;

"5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

"Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali.

"Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti".

6. Id-Direttur tal-Artijiet ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

"... … …

"Illi l-kwestjoni odjerna tqajmet wara li sar appell mir-rikorrenti minn sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet 'Direttur tal-

Artijiet vs Baldacchino Alfred eta' nhar it-30 ta' Novembru 2011, fejn dik l-Onorabbli Qorti kienet illikwidat danni fl-ammont ta' erba' mija u tmienja u tletin elf u disgħin ewro (€438,090) li kellhom jitħallsu minn Regency Estates Limited (C 237) u minn Westminster Securities Limited (C 2830) wara li nstab li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet ta' konċessjoni enfitewtika temporanja li ġiet fi tmiemha fl-1994, u minkejja dan, iż-żewġ soċjetajiet atturi, krew il-fond mertu tal-proċeduri quddiem il-Prim Awla lil terzi, kif ukoll kisru numru ta' kundizzjonijiet oħra. L-ewwel Qorti lliberat lil Alfred Baldacchino personalment minn responsabbilita', u din il-parti tad-deċiżjoni wasslet għal appell inċidentali li ġie intavolat mid-Direttur tal-Artijiet, li ħass li Alfred Baldacchino ma kellux jiġi eżonerat mir-responsabbilita' legali.

"Illi sabiex is-soċjetajiet rikorrenti setgħu jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom quddiem il-Qorti tal-Appell, huma ntalbu jħallsu kawtela, fl-ammont ta' €17,367, liema ammont l-appellanti ddeċidew li ma jħallsux. Kien in segwitu għal dan li l-Qorti tal-Appell iddeċidiet li l-appell imressaq mis-soċjetajiet Regency Estates Limited u Westminster Securities Limited għandu jiġi ddikjarat deżert, filwaqt li żammet ferm il-jeddijiet tad-Direttur tal-Artijiet fir-rigward tal-appell inċidentali mressaq minnu. Fil-fatt, il-Qorti tal-Appell, b'sentenza mogħtija nhar il-11 ta' Marzu 2016, iddeċidiet li tilqa' l-appell inċidentali mressaq mid-Direttur tal-Artijiet, u ddeċidiet li Alfred Baldacchino għandu jinżamm responsabbli personalment b'mod solidali mas-soċjetajiet l-oħra, għad-danni li sofra d-Direttur tal-Artijiet.

"Illi r-rikorrenti qegħdin issa jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ssib li hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom partikolarment minħabba li l-mod li bih ġiet intaxxata l-kawtela.

"1. Illi preliminarjament, l-esponent jeċċepixxi illi r-rikorrenti kienu huma li naqsu, fl-istadju tal-appell, li jagħmlu l-ħlas tal-kawtela mitluba minnhom. Lill-Qorti tal-Appell irriżultalha b'mod ampju, mil-provi li tressqu mid-Direttur tal-Artijiet seduta stante, li r-rikorrent Alfred Baldacchino kien ħa kumpens sostanzjali bħala ħlas ta' danni li allegatament hu sofra meta nbniet il-power station ta' Delimara, proprju mid-Direttur tal-Artijiet ftit snin qabel, u għaldaqstant kienet għal kollox fiergħa l-istqarrija tiegħu li hu ma kellux il-mezzi neċessarji sabiex jagħmel tajjeb hu għall-ħlas tal-akwtela mitlub, u dan meta l-ammont tal-kawtela kien ammont irriżorju ferm meta kkomparat mal-ammont ta' kumpens li hu kien ingħata madwar sitt snin qabel. Dan apparti proprjetajiet u assi oħra li anki jekk mhux likwidi, il-Qorti tal-Appell iddeċidiet li kienu sostanzjali biżżejjed biex ixejnu l-istqarrija li saret mir-rikorrenti li ma kellux il-mezzi neċessarji biex iħallas il-kawtela.

"2. Illi preliminarjament ukoll, l-esponent jeċċepixxi li r-rikorrenti m'għarfux jagħmlu użu mir-rimedji ordinarji li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom, stante li jekk l-ilment ewlieni tagħhom kien minħabba fil-mod kif ġie kkomputat l-ammont tal-kawtela, huma kien messhom attakkaw l-ammont tat-taxxa quddiem il-Qorti tal-Appell, u mhux jiftħu kawża kostituzzjonali li permezz tagħha qegħdin jippruvaw

jgħidu li l-ammont tal-kawtela illedielhom il-jeddijiet kostituzzjonali tagħhom.

“3. Illi in via preliminari, l-esponent qiegħed umilment jitlob li mal-atti ta' dawn il-proċeduri jiġu allegati l-atti tar-rikors numru 869/2007/1 fl-ismijiet Direttur tal-Artijiet vs Alfred Baldacchino, Regency Estates Limited (C 237) Westminster Securities Limited (C 2830).

“4. Illi fil-mertu, iċ-ċirkostanzi tal-każ ma jirrappreżentaw l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, u dan minħabba li ċ-ċirkostanzi li taw lok għall-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell kienu attribwiti għal nuqqasijiet da parti tar-rikorrenti li finalment wasslu biex dawn instabu ħatja ta' ksur tal-obbligi kontrattwali tagħhom, u ġew ikkundannati jħallsu danni likwidati fl-ammont ta' €438,090. Kien fil-mument li r-rikorrenti ntalbu jħallsu l-kawtela dovuta lill-Qorti tal-Appell, li dawn ressqu rikors fejn eċċepew li huma ma kellhomx il-mezzi finanzjarji rikjesti sabiex jagħmlu l-ħlas mitlub. Bħala risposta għal dan, id-Direttur esponent għamel riċerka fir-Reġistru Pubbliku sabiex jara x'assi għandhom is-soċjetajiet rikorrenti u r-rikorrent f'ismu personali, filwaqt li riċerka oħra li saret internament fir-rekords miżmuma mid-Dipartiment tal-Artijiet wasslet għar-rivelazzjoni li Alfred Baldacchino f'ismu personali, kien irċeva kumpens mill-istess Dipartiment tal-Artijiet wara li hu fetaħ kawża għad-danni allegatament sofferti minnu b'rabta mal-bini tal-power station ta' Delimara. Ir-riċerka estensiva li saret fir-Reġistru Pubbliku wasslet għas-sejbien ta' diversi proprjetajiet li fuqhom ir-rikorrenti jipperċepixxu dħul konsistenti fi ċnus u titoli oħra, filwaqt li għal xi żmien ir-rikorrent Alfred Baldacchino kien sid ta' proprjeta' f'Marsaxlokk li kienet tikkonsisti minn villa b'territorju estensiv magħha.

“5. Illi kien in vista ta' dan li meta r-rikorrenti ppruvaw jipperswadu lill-Onorabbli Qorti tal-Appell li ma kellhomx il-mezzi finanzjarji rikjesti sabiex jagħmlu l-ħlas tal-kawtela, dik il-Qorti, ġustament qieset li mill-assjem tal-provi li kellha quddiemha, li fosthom kien hemm kopja taċ-ċekk maħruġ mid-Dipartiment tal-Artijiet li kien jirrappreżenta l-ħlas li sar lil Alfred Baldacchino f'ismu personali, din qieset li r-rappreżentazzjonijiet tar-rikorrenti kienu qarrieqa u li ma kienx minnu dak li kienu qegħdin jgħidu li huma m'għandhomx mezz sabiex iħallsu dak dovut minnhom lill-Qorti. Barra minn hekk, Alfred Baldacchino ngħata ċ-ċans li jixhed via voce f'dawk il-proċeduri, u m'għarafx jispjega lill-Onorabbli Qorti tal-Appell il-flus li rċieva f'kumpens u d-dħul li pperċepixxa mill-bejgħ ta' proprjetajiet li kellu f'ismu tul is-snin, x'għamel bihom jew fejn investihom.

“6. Illi minn dan għandu jirriżulta lil din l-Onorabbli Qorti li r-rikors odjern tressaq biss sabiex itawwal inutilment iż-żmien li fih ir-rikorrenti għandhom jagħmlu l-ħlasijiet dovuti minnhom. Kienu biss l-asserzjonijiet qarrieqa tagħhom u r-rappreżentazzjonijiet għal kollox inveritieri li għamlu lill-Onorabbli Qorti tal-Appell li wasslu lir-rikorrenti biex l-appell tagħhom jiġi ddikjarat deżert. Is-sistema legali kif inhi

tipprovdi s-salvagwardji neċessarji għal smigħ xieraq u għal aċċess adegwat għas-sistema legali. Kienu r-rikorrenti li b'mod qarrieqi għall-aħħar ippruvaw jilagħbu l-karta li m'għandhomx mezzi finanzjarji biex jagħmlu tajjeb għall-ħlas mitlub minnhom, u dan meta l-proċedura li kellhom quddiem il-Qorti tal-Appell kienet waħda li ġabithom f'konfront mal-istess entita' li ftit tas-snin qabel kienet għadha kemm ħallsithom ammont ta' kumpens sostanzjali.

"7. Illi r-rikorrenti naqsu li jispjegaw lil din l-Onorabbli Qorti b'liema mod il-komputazzjoni ta' kif għandha tiġi kkalkolata l-kawtela hi waħda żbaljata.

"8. Illi l-proċeduri kostituzzjonali mhumiex maħsuba biex iservu bħala Qorti tat-Tielet Istanza biex dak li ġie ddikjarat fieragħ u null saħansitra mill-Onorabbli Qorti tal-Appell jipprova jiġi ssanat permezz ta' proċeduri kostituzzjonali.

"9. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

"Għaldaqstant, l-esponent qiegħed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promutur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante li huma ma sofrew l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom.

"Bl-ispejjeż".

7. L-ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

"46.1. Tiddikjara li l-intimat Avukat Ġenerali mhux il-leġittimu kontradittur għall-proċedura in diżamina u tilliberaħ mill-osservanza tal-ġudizzju;

"46.2. Tirrespinġi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

"46.3. Tirrespinġi wkoll it-tieni (2) risposta tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali;

"46.4. Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra r-rikorrenti in solidum".

8. Il-konsiderazzjonijiet (li huma rilevanti għall-appell tal-attur u tas-soċjetajiet attriċi) li wasslu lill-ewwel Qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

"Ikkunsidrat:

"17. Illi r-rikorrenti jsostnu li l-metodoloġija ta' kif inħadmet il-kawtela kienet żbaljata;

"18. Illi għalhekk inkisru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fuq lamentati;

"19. Illi min-naħa tagħhom l-intimati jirrespinġu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti;

"20. Illi permezz tan-nota datata t-22 ta' Ġunju, 2017, ir-rikorrenti jissottolineaw li l-ilment minnhom hawn intavolat jirrigwarda l-prattika kif tiġi maħduma l-kawtela għall-ispejjeż tal-appell, senjatament, li tali garanzija tinħadem fuq is-somma likwidata mill-ewwel Qorti, (ara fol. 54);

"... … …

"Ikkunsidrat:

"34.0. Illi fuq il-mertu jingħad sintetikament is-segwenti:

"34.1. Illi l-lanjanza in diżamina tirrigwarda l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni li jipprovdi s-segwenti:

"... … …

"34.2. Illi f'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-Atti tar-Referenza tad-29 ta' Novembru, 2002, mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet fl-Atti tar-Rikors (Numru 14/2001) fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet vs. Violet Briffa et, datata d-29 ta' April, 2004, li rriteniet is-segwenti:

> "F'dan il-waqt, tajjeb li wieħed ifakkar li wieħed mill-elementi ewlenin tal-artiklu 6 hu li jiggarantixxi lill-individwu l-jedd ta' aċċess għal qorti jew tribunal imparzjali, għad-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili tiegħu. Meta tali jedd ikun miċħud lilu, ikun hemm ksur tal-artiklu 6, għaliex l-aċċess irid ikun wieħed effettiv u mhux biss tejoretiku jew jiddependi mir-rieda ta' ħaddieħor";

"34.3. Illi konsegwentement jiġi sottolineat li d-dritt għall-aċċess effettiv għall-ġustizzja hu meqjus bħala dritt essenzjali għall-ħarsien sħiħ tad-dritt għal smigħ xieraq kif sanċit fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni;

"Ikkunsidrat

"35. Illi minn eżami tal-atti kopjużi ppreżentati in atti jirriżulta – kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti – li l-liġi tathom aċċess komplut u indisturbat għal rimedju quddiem qorti imparzjali u indipendenti;

"36. Illi in effetti jirriżulta li huma intavolaw appell mis-sentenza in prim'istanza datata t-30 ta' Novembru, 2011;

"37. Illi fih innifsu dan il-fatt jissottolinea li ma kien hemm assolutament xejn x'iżomm lir-rikorrenti odjerni (hemm intimati) milli jaċċedu għall-qorti biex tanalizza l-lanjanzi tagħhom;

"38. Illi l-fatt li l-istess rikorrenti kellhom hemm iħallsu l-garanzija in diżamina ma jneħħix il-jedd tagħhom għall-aċċess għall-istess qorti;

"39. Illi għandu jkun paċifiku li l-kawtela in diżamina bl-ebda mod ma tista' titqies li hi xi restrizzjoni eċċessiva jew drakonika stante li, minkejja l-istess kawtela, id-dritt ta' aċċess għall-qorti jibqa' garantit, assikurat u effettiv;

"40. Illi jirriżulta li kienu r-rikorrenti stess, hemm intimati, li minn jeddhom għażlu li jirrinunzjaw għall-proċedura meta għażlu li ma jħallsux il-garanzija mitluba;

"41. Illi di piu' meta sar l-approfondiment neċessarju biex jiġi stabbilit jekk verament l-istess rikorrenti hemm indikati kellhomx finanzi biżżejjed biex jissodisfaw l-imsemmija kawtela instab li l-allegazzjoni tagħhom ma kienitx treġi u konsegwentement, respinta;

"42. Illi kif ritenut fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Avukat Leslie Grech proprio et nomine et vs. Nazzareno Vassallo et, datata l-15 ta' Lulju, 2014:

> "Il-jedd ta' aċċess għal qorti jew tribunal bħala attribut tal-jedd għal smigħ xieraq ikun sodisfatt jekk jista' jingħata lil persuna bħal dik rimedju taħt il-liġijiet fis-seħħ, ukoll jekk dak ir-rimedju jista' jkun ċirkoskritt jew regolat b'dispożizzjonijiet oħra tal-liġi";

"43. Illi konsegwentement għandu jirriżulta paċifiku li d-dritt għal smigħ xieraq kif sanċit fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni ġie debitament sodisfatt fil-konfront tar-rikorrenti nonostante l-obbligu tal-pagament tal-garanzija involuta;

"44. Illi għalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti fir-rigward għandha tiġi respinta;

"Ikkunsidrat:

"45.0. Illi fir-rigward tal-allegazzjoni ta' ksur tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni jingħad sintetikament is-segwenti:

"... ... ...

"4.5.2. Illi a skans ta' ripetizzjoni inutili, għall-istess raġunijiet elenkati taħt il-konsiderazzjonijiet rigwardanti l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, (ara paragrafu numru erbgħa u tletin punt żero, (34.0.), sal-paragrafu numru erbgħa u erbgħin, (44.), aktar qabel), jingħad li ma tirriżulta l-ebda vjolazzjoni tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni hawn in diżamina;

"Ikkunsidrat:

"46.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma pprovatx it-talbiet tagħha skont il-liġi...".

9. L-attur u s-soċjetajiet attriċi appellaw b'rikors tal-15 ta' Mejju 2019 li għalih wieġeb l-Avukat Ġenerali fl-4 ta' Ġunju 2019.

10. Nibdew bl-ewwel aggravju tal-appellanti li jolqot il-mertu tal-proċeduri odjerni u li bih jargumentaw li l-ewwel Qorti waslet għal

konklużjoni żbaljata meta ma sabet l-ebda ksur tad-dritt fondamentali tagħhom għal smigħ xieraq. L-appellanti jsostnu li huma sofrew ksur ta' dan id-dritt fondamentali tagħhom meta d-Direttur tal-Qorti ntaxxa l-proċeduri ċivili fuq l-ammont ta' danni likwidat mill-ewwel Qorti meta l-istess ammont mhux biss kien għadu *sub iudice* iżda kien ukoll proprju mertu tal-appell tal-appellanti. Jgħidu li minħabba f'hekk spiċċaw intalbu jħallsu ammont ta' kawtela ferm ogħla mill-ammont li kieku kellhom iħallsu kieku l-garanzija ġiet maħduma fuq it-tip ta' kawża, cioe` likwidazzjoni ta' danni li sal-ħin tas-smigħ tal-appell kien għadu inċert. Skont huma, il-metodoloġija li ġiet adoperata mid-direttur tal-qorti għall-fini tal-kawtela kienet żbaljata u fil-fatt wasslet sabiex l-appellanti ntalbu jħallsu ammont eżaġerat bħala kawtela, ammont li kien impossibli li jħallsu. Dan kollu ċaħħadhom mid-dritt fondamentali tagħhom għall-aċċess għall-qorti peress li ma setgħux ikomplu bl-appell tagħhom li ġie dikjarat deżert. Iżidu jgħidu li l-ammonti li ntrebħu minnhom fil-passat huma irrilevanti għall-fini tal-proċeduri odjerni.

11. Ifissru dan l-ewwel aggravju tagħhom hekk:

> "Illi jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tapprezza l-punt kruċjali tal-kawża kollha, fis-sens li ddikjarat nuqqas ta' vjolazzjoni sempliċiment fuq punti ġenerali mingħajr ma qieset il-kwistjoni in funditus.
>
> "Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti jidher li eżaminat biss il-fatt li l-appellanti kellhom aċċess u dan stante li setgħu u fil-fatt ħejjew rikors għal-cautio iuratoria. Dan, għal-Ewwel Onorabbli Qorti fisser li ma kien hemm l-ebda impediment għall-aċċess quddiem Qorti indipendenti u imparzjali. Bid-dovut rispett, l-argument tal-appellanti jmur ferm oltre din l-illustrazzjoni kemmxejn simplistika.

"Illi l-lanjanza tal-appellanti tikkonċerna l-fatt li, kif irriżulta mill-provi f'dawn il-proċeduri, d-Direttur intaxxa l-proċeduri ċivili fuq l-ammont likwidat, meta l-istess ammont mhux biss kien għadu sub iudice iżda kien ukoll proprju mertu tal-appell tal-appellanti. Dan għalhekk fisser lid-Direttur stess intaxxa l-proċeduri ai fini ta' garanzija fuq ammont li skont hu ma kienx sejjer jinbidel fl-appell.

"Illi minħabba f'dan, l-appellanti spiċċaw b'ammont ta' kawtela ferm lil-hinn minn din li kienet sejra tkun kieku l-garanzija ġiet maħduma fuq it-tip ta' kawża, cioe` likwidazzjoni ta' danni li sal-ħin tas-smigħ tal-appell kien għadu inċert.

"Huwa propju dan li wassal għal-ammont ta' ħlas ta' kawtela daqshekk għoli. B'din il-metodoloġija, l-appellanti spiċċaw fl-impossibilita' li jħallsu garanzija imħaddma qisu l-ammont ta' danni kien diġa' finalizzat! Dan wassal li ma setgħux jkomplu bl-appell tagħhom li ġie dikjarat deżert dakinhar stess, b'mod fatali għalihom. Huwa dan kollu li kellu jiġi eżaminat bir-reqqa u mhux sempliċiment rendikont ta' prinċipji ġenerali.

"Illi kif ukoll intqal fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-appellanti, liema argument hemm mfissra jidher li ġew skartati in toto mill-Ewwel Onorabbli Qorti, l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem diġa' kellha okkażjoni teżamina lanjanzi simili, u dan bl-approfondiment dovut.

"Illi fis-sentenza fl-ismijiet Kreuz vs Polonja (App Nru: 28249/1995) deċiża fid-19 ta' Ġunju 2001 kienet investigat din il-materja u sabet ammont ta' ħlas eċċessiv. L-ammont impost kien ekwivalenti għal sena paga fil-Polonja ta' dak iż-żmien. Qabel ma kkonkludiet billi sabet vjolazzjoni kif qiegħed jintalab illum, qalet ukoll li ħarsa soġġettiva tal-finanzi ta' dak l-applikant ma kienx aċċettabbli bħala ġustifikazzjoni għall-imposizzjoni ta' tali ħlas. Dik il-Qorti enunċjat is-segwenti dictum:

> "66. Assessing the facts of the case as a whole and having regard to the prominent place held by the right to a court in a democratic society, the Court considers that the judicial authorities failed to secure a proper balance between, on the one hand, the interest of the State in collecting court fees for dealing with claims and, on the other hand, the interest of the applicant in vindicating his claim through the courts. The fee required from the applicant for proceedings with his aciton was excessive. It resulted in his desisting from his claim and in his case never being heard by a court. That, in the Courta' s opinion, impaired the very essence of his right of access.
>
> "67. For the above reasons, the Court concludes that the imposition of the court fees on the applicant constituted a disproportionate restriction on his right of access to a court. It accordingly finds that there has been a breach of Article 6 para 1 of the Convention.

"Illi wkoll, b'antiċipazzjoni għar-ripetizzjoni tal-argumenti li probabbilment sejrin ikun imressqa mill-appellati, l-argument li l-appellanti jew minn minnhom matul iż-żmien kienu involuti u rebħu

numru ta' kawżi ma jfisser xejn. L-ammonti li ntrebħu fil-passat jwassal biss għal eżaminazzjoni sempliċiment soġġettiva, li m'għandhiex post f'dak rikjest f'dan il-proċeduri.

"Illi f'dan is-sens l-appellanti jagħmlu referenza għas-sentenza fl-ismijiet Jedamski u Jedamska vs Polonja (Applikazzjoni numru 73547/01) mogħtija mill-Qorti Ewropeja nhar is-26 ta' Lulju 2005 fejn, qabel ma nstabet vjolazzjoni bħal dik mitluba f'dawn il-proċeduri intqal hekk:

> "62. The applicants had been involved in other civil proceedings at the material time, and the relevant courts, when setting the court fees, relied to a considerable degree on the assumption that being involved in a number of proceedings would in itself imply the necessity of paying the court fees. On that basis, they came to the conclusion that the applicants should have taken into account the need to secure in advance sufficient funds for the court fees (see paragraphs 25 and 27 above). To that assumption, the courts added the hypothesis that transacting business on the stock exchange market and deriving income from the farm proved the applicants' ability to pay the court fees (see paragraphs 25 and 27 above).
>
> "63. The Court does not finds those grounds persuasive, in particular if weighed against the importance of securing to a person "effective" access to a court.

"Illi l-appellanti jqisu li dan l-aggravju huwa ġust u jimmerita konferma minn din l-Onorabbli Qorti".

12. F'dan l-ewwel aggravju tagħhom l-appellanti essenzjalment jgħidu illi l-ewwel Qorti waslet għal konklużjoni żbaljata meta ċaħdet it-talbiet tagħhom u ddikjarat li ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt fundamentali tagħhom għas-smigħ xieraq u dan peress li skont huma:

1. il-metodoloġija użata mid-direttur tal-qorti għall-fini tal-kawtela kienet żbaljata peress li kien imissu ntaxxa l-proċeduri ċivili fuq it-tip ta' kawża <u>*i.e.*</u> likwidazzjoni ta' danni li sal-ħin tas-smigħ tal-appell kien għadu inċert, u mhux fuq l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti, ammont li kien għadu *sub iudice* u li propju mertu tal-appell tagħhom;

2. l-ammont li ġew mitluba jħallsu bħala kawtela għall-intavolar tal-appell tagħhom kien wieħed eċċessiv;

3. l-appellanti ma setgħux ikomplu bl-appell tagħhom minħabba li kien impossibbli għalihom li jħallsu dan l-ammont bħala kawtela;

4. l-ewwel Qorti ma jmisshiex ikkonsidrat l-ammonti li ntrebħu mill-appellanti fil-passat qabel ma waslet għall-konklużjoni tagħha dwar il-mertu tal-proċeduri odjerni.

13. Din il-qorti ma taqbel xejn mar-raġunament tal-appellanti. Hu minnu li fir-rikors ġuramentat **Id-Direttur tal-Artijiet v. Alfred Baldacchino et** (869/2007) kien hemm talba għal-likwidazzjoni tad-danni li sofra l-attur. Għalhekk oriġinarjament l-attur ma kienx talab ħlas ta' somma determinata. Kien bis-sentenza tal-Prim'Awla tat-20 ta' Novembru, 2011 li l-kumpanniji Regency Estates Limited u Westminster Securities Limited kienu kundannati solidalment iħallsu bħala danni lill-attur is-somma ta' €438,090.

14. Skont l-Artikolu 249 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, fil-każ ta' appell minn sentenza, il-garanzija għall-ispejjeż tal-appell "*għandha tkun fis-somma stabbilita mir-reġistratur*". Jekk fis-seduta appuntata għas-smigħ tal-appell jirriżulta li ma tkunx ingħatat il-garanzija għall-ispejjeż tal-kawża kif kontemplat fil-liġi, il-Qorti tal-Appell għandha

*"minnufih tgħaddi biex tiddikjara l-appell deżert"* (artikolu 209(1) tal-Kap. 12).

15. Ovvjament meta l-kumpaniji appellaw mis-sentenza tal-Prim'Awla li kkundannathom iħallsu danni fl-ammont ta' €438,090, f'dak l-istadju kien hemm somma determinata għal dak li jirrigwarda t-tielet talba. Rita Falzon, deputat reġistratur fil-Qorti tal-Appell, spjegat il-mod ta' kif kienet stabbilita l-garanzija:-

> "... aħna nimxu fuq it-taxxa li tinħareġ mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mbagħad kemm-il darba jkun hemm il-valur indikat bħal f'dan il-każ kien hemm il-kundanna għal ħlas fis-sentenza in diżamina ta' four three eight zero nine zero euro (€438,090). Aħna naħdmu fuq l-ammont illi jkun jidher fuq it-taxxa u nżidu t-terz tal-appell għal kawtela. Ninforma lil Qorti li xogħolna hu dak mekkaniku li jiddependi fuq l-ammonti ġia eżistenti fit-taxxa maħruġa kif diġa għidt qabel u xogħolna hu li naħdmu biss il-kawtela u dan irid jiġi depożitat biex jagħmel tajjeb għal ispejjeż tal-kawża.....
>
> "Nikkonferma li l-kawtela in kwistjoni nħadem a bażi tal-ammont illi ġie kristallizat fil-kawża ta' prim' istanza... [2]".

16. Id-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali wkoll ikkonferma li l-kawtela inħadmet sew. Fis-seduta tal-1 ta' Frar 2017 xehed:

> "... Nixtieq ninforma lil Qorti illi t-taxxa mertu tal-kawża odjerna nħadmet fuq il-valur li rriżulta fil-proċess mertu tal-istess. Ir-Reġistratur ħadimha ai termini tal-Artikolu 249 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jistabilixxi l-metodu kif għandha tiġi maħduma l-kawtela f'każ ta' appell.... [3]".

[2] Ara fol 32 tal-proċess.
[3] Ara fol 41 tal-proċess.

17. Fin-nota tiegħu tal-10 ta' April 2018 l-istess Direttur Qrati Ċivili u Tribunali mbagħad spjega kif fil-fatt inħadmet il-kawtela:

> "Illi din il-kawtela nħadmet hekk:
>
> "Ittieħed l-ammont likwidat fis-sentenza li jammonta għal €438,090, ġie komputat billi ntużat ir-regola 3(1) tat-Tariffa A għal dak li għandu x'jaqsam mar-Reġistru u b'hekk ammonta għal €5498.31, ġie miżjud it-terz tal-appell kif tgħid ir-regola 3(5) tal-istess Tariffa biex ta total finali ta' €7331[4]".

18. F'dan il-każ l-ogħla spejjeż tal-appell, kienet is-somma stabbilita mir-Reġistratur. L-appellanti ma ressqu l-ebda prova li tikkontradixxi dak li xehed ir-reġistratur.

19. Peress li ma kienx magħruf x'ser tiddeċiedi l-Qorti tal-Appell, ir-reġistratur għamel sew li l-kalkoli għamilhom fuq is-somma ta' €438,090. Għalkemm is-sentenza tal-ewwel Qorti kienet għadha m'hijiex ġudikat, ir-reġistratur ma kellux jiskarta dik is-sentenza. F'dak l-istadju kien hemm somma likwidata ta' €438,090. Hu veru li l-appellanti kienu qegħdin jikkontestaw dik is-sentenza, madankollu l-appellanti ma kellhom l-ebda ċertezza li l-Qorti tal-Appell ser tagħtihom raġun. L-appellanti appellaw mis-sentenza u talbu sabiex il-qorti tvarja s-sentenza fis-sens li tikkonfermaha inkwantu lliberat lil Baldacchino mill-osservanza tal-ġudizzju u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li biha ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u tilqa' l-istess u tiċħad it-talbiet tal-attriċi, jew alternattivament tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet it-tieni, it-

---

4 Ara fol 257 tal-proċess.

tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi u tiċħad l-istess, jew tirriduċi l-valur likwidat bħala danni dovut lill-attur.

20. Ġia ladarba l-appellanti talbu wkoll ir-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza li biha l-kumpanniji kienu kkundannati jħallsu €438,090, hu ovvju li r-reġistratur kellu jintaxxa l-ispejjeż tal-appell ukoll fuq dik is-somma.

21. Wieħed irid jiftakar li fir-rikors promotur li ppreżentaw fit-3 ta' Mejju, 2016 l-appellanti ilmentaw li l-mod kif ir-reġistratur iddetermina l-garanzija. L-appellanti jsostnu li l-mod kif ipproċeda r-reġistratur, *"…. huwa żbaljat u wasslet għaċ-ċaħda tagħhom għall-aċċess għall-Qorti kif sejjer jiġi hawn isfel spjegat"*. Dak kien l-ilment tagħhom fir-rikors promotur. Pero` rajna li r-reġistratur ikkalkola t-taxxa korrettement. Ġia ladarba fir-rikors tal-appell intalbet ir-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza tal-Prim'Awla li biha l-appellanti kienu kundannati jħallsu s-somma ta' €438,090, il-garanzija kellha tkun stabbilita fuq kalkolu *ad valorem* u mhux fuq somma mhux determinata kif jippretendu l-appellanti.

22. L-appellanti argumentaw ukoll li s-somma li ntalbu jħallsu bħala garanzija kienet eċċessiva, u għamlu riferenza għas-sentenza **Kreuz v. Polonja** (28249/1995).

23. L-ammont stabbilit mir-reġistratur bħala garanzija kien €17,367 (ara nota li ppreżenta r-reġistratur fl-10 ta' April, 2018 a fol. 257). Garanzija li tingħata qabel ma jinstema' l-appell u tkopri l-ispejjeż kollha

ġudizzjarji tal-appell, cioe` dawk tar-reġistru u spejjeż legali tal-avukat u prokuratur legali tal-appellat. Dan ovvjament sabiex jekk l-appell ma jkollux eżitu favorevoli għall-appellant, ikun hemm garanzija li tkopri l-ispejjeż tar-reġistru u l-ispejjeż tal-avukat u prokuratur legali tal-parti l-oħra. B'hekk ir-reġistratur u l-parti l-oħra ma jkollhomx bżonn joqgħodu jiġru wara l-appellant sabiex jiġbru l-ispejjeż ġudizzjarji, fl-eventwalita` li l-appell ikun miċħud. Somma li hi inqas minn 4% tal-ammont in kontestazzjoni. Meta tikkonsidra s-somma in kontestazzjoni, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li s-somma ta' €17,367 bħala spejjeż ġudizzjarji hi eċċessiva. Dan meta tqies li tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji ta' reġistru, avukat u prokuratur legali. Dan apparti li l-liġi tikkontempla proċedura sabiex appellant jagħti l-garanzija bil-ġurament minflok li jagħti garanzija għall-ispejjeż permezz ta' depożitu jew garanzija bankarja, u għalhekk jeżisti rimedju jekk appellant m'għandux il-mezzi sabiex jagħti l-garanzija meħtieġa. Il-Qorti żżid li l-appell ma ġiex appuntat mil-lum għal għada. Mill-atti jirriżulta li kienu għaddew żgur 4 snin mid-data tal-preżentata tal-appell sad-data tal-ewwel seduta tal-appell. Sa minn meta ppreżentaw l-appell il-kumpaniji kieku riedu, kienu f'posizzjoni li jkunu jafu bejn wieħed u ieħor x'kienet ser tkun il-garanzija li jkollhom jagħtu għall-ispejjeż ġudizzjarji.

24. Ġia ladarba l-ilment tal-appellanti fir-rikors promotur kien limitat għal mod kif ġie ntaxxat l-ammont li l-appellanti kellhom jagħtu b'garanzija skont l-Artikolu 249 tal-Kap. 12[5], il-Qorti ser tieqaf hawn.

25. It-tieni aggravju tal-appellanti hu dwar l-ispejjeż. L-ewwel Qorti kkundannat lir-rikorrenti sabiex iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża. Il-parti dispożittiva tas-sentenza taqra:

> "46.1. Tiddikjara li l-intimat Avukat Ġenerali mhux il-leġittimu kontradittur għall-proċedura in diżamina u tilliberaħ mill-osservanza tal-ġudizzju;
>
> "46.2. Tirrespinġi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;
>
> "46.3. Tirrespinġi wkoll it-tieni (2) risposta tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali;
>
> "46.4. Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra r-rikorrenti in solidum".

26. L-aggravju tal-appellant hu li:

i. L-ewwel Qorti ddedikat parti sostanzjali mis-sentenza fuq l-eċċezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' użu ta' rimedju ordinarju;

ii. Il-kjamat fil-kawża tad-Direttur tal-Artijiet kien instigat mill-Avukat Ġenerali, għalkemm m'huwiex ċar mis-sentenza li l-preżenza tiegħu kienet meħtieġa għal finijiet tal-kawża.

[5] Tant hu hekk li fir-rikors promotur ippremettew: "Il-lanjanza tar-rikorrenti hija tali li qiegħda tattakka direttament il-mod ta' intaxxa b'mod li fiċ-ċirkostanzi, r-rikorrenti, lanqas qatt ma kellhom jaslu sal-mument tal-preżentata ta' dak ir-rikors". Ir-rikors li qegħdin jirreferu għalih hu sabiex ikunu eżentati milli jagħtu l-garanzija skont l-artikolu 250 tal-Kap.12.

27. L-eċċezzjoni preliminari tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali li r-rikorrenti m'għamlux użu mir-rimedji ordinarji (paragrafu 2 tat-tweġiba), ġiet miċħuda (ara fol. 12 u 13 tas-sentenza). Għalhekk dak il-fatt kellu jiġi kkonsidrat mill-ewwel Qorti fit-tqassim tal-ispejjeż ġudizzjarji.

28. Fir-rigward tal-kjamat fil-kawża tal-Awtorita tal-Artijiet, din kienet meħtieġa għaliex fit-tielet talba r-rikorrenti talbet ir-revoka tas-sentenza **Direttur tal-Artijiet v. Alfred Baldacchino et** (numru: 869/2007) li ngħatat fil-11 ta' Marzu 2016 mill-Qorti tal-Appell. Għalhekk l-Awtorita tal-Artijiet altru milli kellha interess li tkun parti f'din il-kawża.

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċiedi l-appell billi tiċħad l-ewwel aggravju u tilqa' parzjalment it-tieni aggravju. Tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tas-26 ta' April, 2019 billi minflok tikkundanna lid-Direttur Qrati Ċivili u Tribunal sabiex jagħmel tajjeb għal 20% tal-ispejjeż filwaqt li l-kumplament huma a karigu tal-appellanti. L-ispejjeż tal-appell jinqasmu bl-istess mod.

| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |
|---|---|---|

Deputat Registratur
mb